**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Novembru, 2018**

**Talba Nru: 76/2018PM1**

**Erremme Business Advisors Limited (C30153)**

**Vs**

**Write-On Limited (C28614)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar, elfejn u tmintax (2018) illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, hames mija u wiehed u disghin euro u sittin centezmi (€1,591.60) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' *accounts* bejn ix-xhur ta' Gunju u Settembru, 2015 kif ukoll prezz ta' *parking tickets* skont l-i*statement of account* immarkata Dok. A u anness mal-avviz tat-talba, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Settembru, 2017 ipprezentata

a tenur tal-art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra l-istess socjeta` konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba inkluzi l-istatement (a fol. 3 tal-process).

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 26 t'April, 2018 li permezz taghha eccepiet:

1. Illi primarjament l-azzjoni odjerna hija carament preskritta.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` attrici ma ezegwietx l-obbligi li hi stess obbligat ruhha li twettaq skont il-ftehim li gie milhuq bejn il-partijiet.
3. Illi anke jekk wiehed jassumi li dawn ix-xogholijiet saru, il-prezzijiet li gew mitluba mis-socjeta` rikorrenti ma jaqblux mal-prezzijiet li gew miftiehma bejn il-partijiet.
4. Illi l-ispejjez ta' pparkjar qatt ma kienu inkluzi f'ebda ftehim bejn il-partijiet.
5. Ghalhekk l-ammont ta' €1,591.60 mitlub mis-socjeta` attrici m'huwiex dovuti (sic) mis-socjeta` Write-On Limited lis-socjeta` Erremme Business Advisors Limited proprju ghaliex dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt, hekk kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza.
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
   Bl-ispejjez.

Ra l-affidavit ta' Cecilia Theuma u d-dokumenti annessi mal-istess (a fol. 12 et. seq. tal-process) u l-affidavit ta' Matthew Ciantar (a fol. 24 tal-process).

Sema' x-xhieda ta' Reuben Buttigieg u ra d-dokumenti ezebiti mill-istess xhud waqt is-seduta tas-6 ta' Gunju, 2018.

Sema' x-xhieda ta' Cecilia Theuma in kontro-ezami waqt is-seduta tal-21 ta' Gunju, 2018 u x-xhieda ta' Matthew Ciantar u ta' Reuben Buttigieg ukoll in kontro-ezami waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru, 2018.

Ra l-affidavit ta' Marc Spiteri u d-dokumenti annessi mal-istess.

Ra li waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2018 id-difensur tas-socjeta` attrici irrinunzjat ghall-kontro-ezami ta' Marc Spiteri u l-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi jehtieg illi fl-ewwel lok tigi determinata l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni. F'dan ir-rigward jinsab deciz li:

> *« (…) **Mizzi vs Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell Inferjuri datata 20 ta' Ottubru, 2004, Appell Civili Numru 1590/1998/1. F'din is-sentenza l-Qorti ghamlet studju akkurat tal-principji u l-elementi li ghandhom iwasslu ghar-rinunzja tal-preskrizzjoni minhabba rikonoxximent tad-debitu u ziedet tghid li tali rikonnoxximent minhabba li jgib mieghu l-abbandun ta' dritt akkwisitiv jinhtieg li jkun wiehed __car u inekwivoku__ u li "fejn jezisti dubju serju (ghal dan) ghandu jmur favur dak li kontra tieghu tkun qeghda tigi akkampata rinunzja ghad-dritt". (**Kollez. Vol XXXIII pl p44**). "Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi*

*kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni tal-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-successjoni jew f'forma ta' entrata fl-accounts". Harsa lejn is-sentenzi li ghalihom ghamel referenza l-attur insibu li dawna huma kollha riflettenti tal-principju li darba kkontestat l-ammont, dana jwassal ghal rinunzja tal-preskrizzjoni. (...) Huwa fil-fatt kontrarju sensu li persuna l-ewwel tilqa' ghat-talbiet attrici billi tinvoka a favur taghha t-trapass taz-zmien preskrittiv meta fl-istess nifs tibqa' tinsisti anke jekk bla pregiudizzju li l-ammont jibqa' in kontestazzjoni,ghax jew insistenti li mhux l-ammont kollu huwa dovut jew li ebda ammont mhu dovut minhabba li ghadda z-zmien permess mill-ligi ghal azzjoni tal-irkupru tieghu. __**Jekk jibqa' in kontestazzjoni l-ammont, il-quantum, allura d-dibattitu huwa u ghandu jkun fuq dak li hu korrettement dovut u mhux fuq dak li gie mitluf bit-trapass taz-zmien.**__* » (29 ta' Jannar, 2016 **Nazzareno Calleja vs A.X.T. Properties Limited (C 31339) et. –** enfazi mizjuda).

Issa, fil-kaz in ezami huwa car li permezz tal-eccezzjonijiet taghha fil-mertu, partikolarment it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet, is-socjeta` intimata tirrikonixxi d-debitu meta tiddikjara li l-ammont pretiz kien qed jigi kkontestat bhala eccessiv u dana ghax kien jinkludi ammonti li ma kienx hemm qbil dwarhom bejn il-partijiet. Perdipiu` ma jidhirx li l-intimat indika l-artikolu relattiv li a bazi tieghu kien qed iressaq tali eccezzjoni. Skont il-kazistika hawn fuq riportata huwa car li, tenut kont tas-surreferit, l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni kif imressqa mis-socjeta` intimata m'hijiex sostenibbli.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni kif imressqa mis-socjeta` intimat.

Illi jifdal li jigi deciz il-mertu tal-kaz. Il-partijiet f'din il-kawza qed jassumu posizzjonijiet opposti ghal xulxin u dana ghaliex qed joffru zewg interpretazzjonijiet differenti tal-ftehim milhuq bejniethom u li bis-sahha tieghu is-socjeta` attrici bdiet tirrendi s-servizzi taghha lis-socjeta` intimata. Jekk min-naha wahda s-socjeta` attrici tikkontendi li l-ftehim milhuq kien dak ta' *retainer* fejn, fir-rigward tax-xoghol prestat « *daqqa jkun hemm aspett li jkun favur il-klijent u daqqa jkun hemm aspett favur l-entita` li tkun qed taghti s-servizz partikolari* » (xhieda moghtija minn Ruben Buttigieg fis-seduta tat-18 ta' Settembru, 2018), min-naha l-ohra s-socjeta` intimata qed tikkontesta l-ammont mitlub billi tikkontendi li l-ftehim milhuq mas-socjeta` attrici kien bazat fuq ir-rata mensili applikabbli sabiex impjegat taghha jattendi fl-ufficji taghha almenu darbtejn fi-gimgha (« *I then asked specifically for a rate to receive a service twice a week. Matthew Ciantar, who back then was an employee of Erremme Ltd, confirmed that he would be coming to our office twice a week. When I reminded Reuben Buttigieg to advise the proce, he quoted 'Euro 400 plus VAT monthly plus car park fees'*" skont ma xehed Marc Spiteri in rapprezentanza tas-socjeta` intimata permezz tal-affidavit tieghu datat 19 t'Ottubru, 2018 tal-process). L-istess socjeta` intimata tikkontendi wkoll li ma kienx hemm qbil la ghal xi *administration fee* u lanqas li s-socjeta` intimata tissaporti l-ispejjez ta' parkegg inkorsi mis-socjeta` attrici.

Illi jibda sabiex jinghad li, lilhinn minn dak li xehdu r-rapprezentanti tas-socjetajiet kontendenti, it-Tribuna isib li ghalkemm ma giex sottoskritt ftehim bejn il-partijiet, il-ftehim milhuq bejn il-partijiet ma kienx dak ta' *retainer sic et simplicter* fejn is-socjeta` attrici kienet fil-liberta` assoluta li tiddetermina hi kif u kemm tahdem. Ir-*retainer* maqbul kien dak ta' erba' mitt euro (€400) mensili oltre VAT u spejjez tal-parkezz **bhala korrispettiv ghal xoghol maghmul mill-impjegati tas-socjeta` attrici almenu darbtejn fil-gimgha**. Hekk illi b'email datata 2 ta' Mejju, 2015, Marc Spiteri in rapprezentenza tas-socjeta` intimata kien staqsa « (…) *I was hoping that until we bring*

*everything where it should be, I get more focused assistance from your firm i.e. twice a week. Is this possible?*". Fil-5 ta' Mejju, 2015 ircieva email minghand l-impjegat tas-socjeta` attrici Matthew Ciantar fejn dan ukoll saqsieh: "*Would it be possible to come twice a week in the mornings?*". Fis-7 ta' Mejju, 2015, Marc Spiteri rega' staqsa: "*I needed to know the charges for the twice weekly visits please?*" Fl-istess jum wiegeb Ruben Buttigieg ghas-socjeta` attrici li nfurmah: "*I propose Euro 400 plus VAT plus car park fes for Matthew.*" (Annex 1 mal-affidavit ta' Marc Spiteri). Huwa kwindi car li r-rata maqbula kienet bazata fuq il-qbil bejn il-partijiet li l-impjegati tal-attrici jattendu ghand l-intimata ghax-xoghol almenu darbtejn fil-gimgha. A konferma ulterjuri ta' dan, Marc Spiteri jidher li beda jilmenta ma' Buttigieg meta l-impjegati tieghu ma bdewx jattendu fl-ufficji tas-socjeta` intimata kif maqbul u sahansitra talab *breakdown* tas-sighat mahdumin mill-impjegati tal-attrici (ara f'dan is-sens email datata l-ewwel ta' Lulju, 2015 formanit parti Annex 6 anness mal-affidavit ta' Marc Spiteri). It-twegiba ta' Buttigieg li « *The agreement is a retainer. There are weeks we work more and others less.*" ma kenitx fattwalment korretta u, fil-fatt, sabet risposta mill-gdid min-naha ta' Spiteri li tenna mill-gdid li "*The retainer agreed was for twice a week for 4-5 hours each time.*"

Illi issa huwa minnu li l-ftehim milhuq bejn il-partijiet kif determinat hawn fuq ma kienx jaghmel referenza espressa ghas-sighat ta' xoghol li kellhom jinhadmu mill-impjegati tas-socjeta` attrici. Madanakollu jidher li, meta kienu jattendu fl-ufficju tas-socjeta` intimata, l-impjegati tal-attrici kienu jdumu hemm – fil-maggoranza tal-kazijiet – bejn erba' sighat u hamsa. Abbazi tal-istess timesheets ezebiti mis-socjeta` attrici jirrizulta wkoll li, fix-xhur kontemplati mill-*invoices* mertu ta' din il-kawza, l-impjegati tal-attrici ma attendewx fl-ufficju tal-intimata almenu darbtejn fil-gimgha kif maqbul. Fix-xahar ta' Gunju (mertu tal-invoice 131774 datata 22 ta' Lulju, 2015), l-impjegat tas-socjeta` attrici attenda biss erba' darbiet fil- 15 ta' Gunju, 2015, 18 ta' Gunju, 2015, 23 ta' Gunju, 2015 u 25 ta' Gunju, 2015 – kif jirrizulta kjarament mit-*timesheet* ezebita a fol. 16 tal-process). Fix-xahar ta' Lulju, 2015 (mertu tal-invoice 131834 datata 20 t'Awwissu, 2015) l-istess

impjegat attenda (xi kultant flimkien mat-*trainee*) seba' darbiet u cioe` fit-2 ta' Lulju, 2015, 6 ta' Lulju, 2015, 9 ta' Lulju, 2015, 14 ta' Lulju, 2015, 16 ta' Lulju, 2015, 21 ta' Lulju, 2015 u 23 ta' Lulju, 2015 – kif jirrizulta kjarament mit-*timesheet* ezebita a fol. 20 tal-process). Fix-xhur ta' Settembru (mertu tal-invoice numru 131880 datata 18 ta' Settembru, 2015) l-impjegat tas-socjeta` attrici attenda darba biss (fl-24 ta' Settembru) u mbaghad lahaq attenda tlett darbiet ohra fix-xahar t'Ottubru (6 t'Ottubru, 2015, 8 t'Ottubru, 2015 u 13 t'Ottubru, 2015) qabel is-socjeta` intimata tterminat l-inkarigu taghha permezz tal-email ta' Marc Spiteri datata 21 t'Ottubru, 2015 (ezebita a fol. 30 tal-process).

Illi tenut kont tas-surreferit it-Tribunal isib li s-socjeta` attrici kienet intitolata li titlob it-tariffa shiha (ammontanti ghal €400 u VAT) biss fix-xahar ta' Lulju, 2015. Fir-rigward tax-xahar ta' Gunju, 2015 kienet intitolata ghal biss nofs it-tariffa stabilita (gjaladarba l-impjegat tal-attrici attenda ghand l-intimata ghal total ta' erba' darbiet - ghal total ta' €200) u l-istess ukoll fir-rigward tal-invoice relattiva ghax-xhar ta' Settembru (meta, jekk wiehed jikkunsidrati x-xoghol li kompla jigi imwettaq f'Ottubru bi tpattija ghal-hin ta' xoghol mhux mahdum f'Settembru, l-impjegat tas-socjeta` attrici attenda ghand l-intimata total ta' erba` darbiet ohra - ghal total ta' €200) u dana peress li s-socjeta` attrici hija intitolata li tithallas biss *pro rata* ghas-servizzi effettivament provduti minnha. Ghaldaqstant it-Tribunal isib li s-socjeta` attrici hija intitolata li tithallas is-somma ta' tmien mitt euro (€800) bil-VAT ammontanti ghas-somma komplessiva ta' disa' mija u erba' u erbghin euro (€944).

Illi fir-rigward tal-*administrative fee,* it-Tribunal jikkunsidra li l-email ta' Buttigeig datata 7 ta' Mejju, 2015 ma taghmel ebda referenza ghal xi *administrative fee* b'zieda mar-rata hemmhekk stipulata. Konsewgentement, avut rigward ghall-principju tal-*pacta sunt servanda,* is-socjeta` attrici m'hijiex intitolata sabiex titlob il-hlas ta' din it-tariffa amministrattiva b'zieda mas-surreferit. Fir-rigward tal-ispejjez inkorsi ghall-parkegg, jigi nutat li l-email datata 7 ta' Mejju, 2015 tirreferi ghal "*car park fees* ***for Matthew***" (enfazi mizjuda). Madanakollu x-xhud Matthew Ciantar xehed illi ghalkemm huwa kien jghaddi

kopja ta' din l-ispiza inkorsa minnu lis-socjeta` attrici huwa sal-gurnata tal-lum ghadu ma thallasx dawn l-ammonti ("*Jiena dawn il-kontijiet kont nghaddihom lis-socjeta` attrici sabiex nigi rimborsat jiena stess in vista tal-fatt li dawk kienu jikkostitwixxu spejjez ghalija. Nghid li jiena madanakollu bqajt ma thallastx ghalihom dawn.*" xhieda moghtija minn Matthew Ciantar fis-seduta tat-18 ta' Settembru, 2018). Konsegwentement it-Tribunal isib li s-socjeta` attrici lanqas m'hija intitolata sabiex tithallas allegata spiza inkorsa minnha meta effettivament din l-ispiza qatt ma giet inkorsa minnha imma mill-impjegat taghha li sal-lum baqa' ma giex rizarcit ghaliha.

Fir-rigward tal-ispejjez jigi nutat li ghalkemm Marc Spiteri jidher li offra li jhallas pro rata tali offerta kienet limitata ghax-xahar ta' Lulju biss. Tenut kont tac-cirkostanzi it-Tribunal isib li l-ispejjez gudizzjarji ghandhom jigu sopportati b'mod ugwali bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jichad l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni kif imressqa mis-socjeta` intimata, jilqa' in parte t-tieni, it-tielet, u l-hames eccezzjonijiet u jichad ir-raba' eccezzjoni sakemm inkompatibbli mas-surreferit, konsegwentement jilqa' in parte t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lill-istess attrici is-somma komplessiva ta' disa' mija u erbgha u erbghin euro (€944) ghas-servizzi rezi minnha lis-socjeta` intimata, bl-imghax relattiv sal-hlas effettiv. L-ispejjez jigu sopportati b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**